MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 530/2006

**FGL Information Technology Limited (C-31198)**

**vs**

**Av. Mark Busuttil u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici li b`digriet tad-9 ta` Novembru, 2006 gew nominati Kuraturi Deputati nominati biex jirraprezentaw lil Christian Rares Martinus**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors fejn fih is-socjeta` rikorrenti ippremettiet illi:

L-intimat xtara minghand ir-rikorrenti merkanzija ghall-ammont totali ta` hames t`elef erba` mija u disa` u tletin Liri Maltin u sittax il-centezmu (Lm5439.16) skond l-annessa statement datata 9 ta` Gunju, 2006 u mmarkata bhala DOK FGL 1;

Il-ftehim dwar pagament kien li dan jithallas mensalment permezz ta` standing order u nuqqas ta` hlas jgib mieghu it-telf tal-beneficcju tat-terminu tal-hlas;

L-ewwel standing order ma gietx affettwata in vista tal-fatt li d-debit card li minnu kellu jigi effettwat il-pagament giet irtirata mill-bank;

Minn dan l-ammont ghalhekk l-intimat ma hallas l-ebda ammont u li ghalhekk fadal l-ammont kollu dovut ta` hames t`elef erba` mija u disa` u tletin liri Maltin u sittax-il centezmu (Lm 5439.16) oltre l-imghax mill-25 ta` Mejju, 2006 sad-data tal-pagament effettiv.

Ghalkemm interpellat biex jhallas, l-intimat baqa` inadempjenti biss fil-korrispondenza tieghu ma cahadx li l-hlas ma giex effettwat;

Dan id-debitu tal-intimat fil-konfront tar-rikorrenti, huwa cert, likwidu u skadut ai termini ta` l-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, kif l-istess rikorrenti jikkonferma fid-dikjarazzjoni annessa, u fil-fehma tar-rikorrenti l-intimat m`ghandux eccezzjonijiet x`jaghti;

Talbu lill-intimat jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-intimat debitur tar-rikorrenti fis-somma ta` hames t`elef erba` mija u disa` u tletin Liri Maltin u sittax il-centezmu (Lm 5439.16);

2. Tikkundanna lill-intimat jhallas is-somma hekk likwidata;

3. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Art. 167 ta` Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta;

Bl-imghax legali mill-25 ta` Mejju, 2006 u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta` sekwestru numru 849/06 pprezentat fid-29 ta` Mejju, 2006, kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament preseduta li bih gew nominati Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi biex jirraprezentaw lill-assenti Christian Rares Martinus.

Rat in-nota tal-kuraturi deputati Dr. Mark Busuttil u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici fejn qalu li:

Peress li ghadhom ma kkomunikawx ma` l-assenti, huma m`humiex edotti mill-fatti u qed jirriservaw id-dritt li jippresentaw risposta motivata f`stadju ulterjuri.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi t-talbiet tar-rikorrent gew pruvati ampjament u bl-ebda mod kontradetti.

Ghaldaqstant tiddeciedi billi tilqa` t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti billi:

(1) tiddikjara lill-intimat debitur tar-rikorrenti fis-somma ta` hamest elef erba` mija u disgha u tletin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm5439.16).

(2) tikkundanna lill-intimat ihallas is-somma ta` hamest elef erba` mija u disgha u tletin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm5439.16), bl-imghax legali mill-25 ta` Mejju, 2006 u bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta` sekwestru numru 849/06.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------